MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 59/2003

**Topserv (Gozo) Limited**

**vs**

**Rainbow Mix Concrete Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ attrici giet inkarigat mis-socjeta’ konvenuta sabiex taghmel xoghol ta’ tiswijiet f’sistema ta’ l-elettriku.

Illi in segwitu ghada dovuta is-somma ta’ sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm642.62).

Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx il-bilanc dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob li l-konvenuta tigi ordnata sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' l-ispejjes inkorsi mis-socjeta' attrici ammontanti ghal sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm642.62) flimkien ma' l-imghax relattiv minn Gunju 2000 u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tal-ittra interpellatorja datata 15 ta' Novembru 2002 u tal-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 2002."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata fl-20 ta' Gunju 2003 izda li pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fid-9 ta' Lulju 2003, fil-15 ta' Lulju 2003 u dik tal-lum;

Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' John Cefai, rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM642.62c bl-imghax legali minn Gunju 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Novembru 2002 u l-ittra ufficcjali ta' Dicembru 2002 a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------